



Brussell, 2 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

13584/20

SOC 776
EMPL 545
GENDER 146
ANTIDISCRIM 124

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13367/20	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar L-Indirizzar tad-Differenza bejn il-Ġeneri fil-Pagi: Valutazzjoni u Distribuzzjoni tax-Xogħol Imħallas u x-Xogħol ta' Kura Mingħajr Ħlas

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż is-sett ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq dwar l-Indirizzar tad-Differenza bejn il-Ġeneri fil-Pagi: Valutazzjoni u Distribuzzjoni tax-Xogħol Imħallas u x-Xogħol ta' Kura Mingħajr Ħlas, approvat permezz ta' proċedura bil-miktub fl-1 ta' Diċembru 2020.

**L-Indirizzar tad-Differenza bejn il-Ġeneri fil-Pagi:
Valutazzjoni u Distribuzzjoni tax-Xogħol Imħallas u x-Xogħol ta' Kura Mingħajr Ħlas
Konklużjonijiet tal-Kunsill¹**

FILWAQT LI JINNOTA li:

- 1) L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-Drittijiet tal-Bniedem huma fil-qalba tal-valuri Ewropej. L-ugwaljanza bejn n-nisa u l-irġiel hija prinċipju fundamentali tal-Unjoni Ewropea mnaqqax fit-Trattati u rikonoxxut fl-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jirrikjedi li l-Unjoni, fl-attivitajiet kollha tagħha, tfittex li telimina l-inugwaljanzi bejn in-nisa u l-irġiel, u li tinkoraġġixxi l-ugwaljanza.
- 2) L-Artikolu 157 TFUE jirrekjedi li l-Istati Membri jiżguraw li jkun applikat il-prinċipju ta' paga ugwali għall-ħaddiema maskili u femminili għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali. Bil-għan li tiġi żgurata ugwaljanza sħiħa fil-prattika bejn l-irġiel u n-nisa fil-ħajja tax-xogħol, l-Artikolu 157 TFUE jippermetti wkoll lill-Istati Membri jżommu jew jadottaw miżuri ta' azzjoni pożittiva. L-għan tagħhom huwa li jipprovdu vantaġġi speċifiċi sabiex ikun aktar faċli għas-sess l-anqas irrappreżentat li jsegwi attività vokazzjonali jew li jipprevjenu l-iżvantaġġi fil-karrieri professjonali jew jikkumpensaw għalihom.
- 3) L-ugwaljanza bejn is-sessi u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata huma rikonoxxuti fil-Prinċipji 2 u 9 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklamat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017.

¹ Konklużjonijiet imfassla fil-kuntest tar-rieżami tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, b'referenza partikolari għal Oqsma Kritiċi ta' Tħassib F (In-Nisa u l-Ekonomija).

- 4) Il-politiki dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri huma fatturi importanti għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u huma prekundizzjoni biex jinkisbu l-prosperità, il-kompetittività u l-okkupazzjoni sħiħa, kif ukoll għall-koeżjoni soċjali, l-inklużività u l-benessri. Sadanittant, it-tnaqqis tal-forza tax-xogħol b'riżultat tal-iżviluppi demografiċi fl-UE jagħmilha neċessarja li jiġu attirati u miżmuma speċjalisti b'livell għoli ta' taħriġ, speċjalment nisa, fis-suq tax-xogħol.
- 5) Skont l-Istrateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025, "l-eliminazzjoni tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa tirrikjedi li jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin kollha tagħha, inkluż il-parteċipazzjoni aktar baxxa tan-nisa fis-suq tax-xogħol, ix-xogħol inviżibbli u mhux imħallas, l-użu akbar tagħhom ta' xogħol part time u l-waqfien fil-karriera, kif ukoll is-segregazzjoni vertikali u orizzontali bbażata fuq l-isterjotipi tas-sessi u d-diskriminazzjoni."
- 6) Skont il-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing tan-Nazzjonijiet Uniti,² huwa ta' spiss fil-qafas tal-politiki finanzjarji, monetarji, kummerċjali u politiki ekonomiċi oħra, kif ukoll fis-sistemi tat-taxxa u fir-regoli li jirregolaw il-pagi, li l-irġiel u n-nisa individwali jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom, fost l-oħrajn, dwar kif jaqsmu l-ħin tagħhom bejn xogħol remunerat u xogħol mingħajr ħlas. Għalhekk, l-iżvilupp ta' dawn l-istrutturi u l-politiki ekonomiċi għandu impatt dirett fuq l-aċċess tan-nisa u l-irġiel għar-riżorsi ekonomiċi u fuq is-setgħa ekonomika tagħhom u konsegwentement anke fuq kemm hemm ugwaljanza bejniethom u fis-soċjetà kollha kemm hi.

² <https://www.un.org/womenwatch/daw/beijing/platform/economy.htm#diagnosis>

- 7) Skont id-Direttiva tal-UE dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata għall-Ġenituri u għall-Persuni li Jindukraw, "it-teħid indaqs ta' leave relatat mal-familja bejn l-irġiel u n-nisa jiddependi wkoll minn miżuri xierqa oħra, bħall-ġhoti ta' servizzi ta' indukrar tat-tfal u ta' indukrar fit-tul aċċessibbli u affordabbli, li huma kruċjali sabiex ġenituri u persuni oħra li jkollhom responsabbiltajiet ta' indukrar ikunu jistgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol, jibqgħu fih, jew jerġgħu lura għalih. It-tneħħija ta' diziċentivi ekonomiċi tista' wkoll tinkoraġġixxi lil dawk bit-tieni sors ta' dħul, li l-biċċa kbira minnhom huma nisa, biex jieħdu sehem sħiħ fis-suq tax-xogħol."
- 8) Fl-2002, fil-laqgħa tiegħu f'Barċellona, il-Kunsill Ewropew stabbilixxa l-hekk imsejħa Objettivi ta' Barċellona, li appellaw lill-Istati Membri biex ineħħu d-diziċentivi għall-parteciċazzjoni tan-nisa fil-forza tax-xogħol u jagħmlu ħilithom, b'kont meħud tad-domanda għal servizzi ta' indukrar tat-tfal u f'konformità mat-tendenzi nazzjonali tal-ġhoti tal-indukrar tat-tfal, biex jipprovdu aktar indukrar tat-tfal.
- 9) Sabiex kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel ikunu jistgħu jippartiċipaw f'xogħol imħallas b'mod ekwu, jeħtieġ ukoll li jkunu jistgħu jaqsmu x-xogħol ta' kura mingħajr ħlas b'mod ekwu. Fl-istess ħin, id-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà ta' infrastruttura pubblika ta' kwalità għolja u servizzi esterni għall-edukazzjoni bikrija ta' kwalità tat-tfal u għall-indukrar tat-tfal u l-kura tal-anzjani u ta' persuni oħra dipendenti, kif ukoll għax-xogħol tad-dar, huma kruċjali biex in-nisa u l-irġiel b'responsabbiltajiet ta' kura jkunu jistgħu jippartiċipaw fis-suq tax-xogħol.

- 10) Il-pandemija tal-Covid-19 uriet kemm ix-xogħol ta' kura, imħallas u mhux, hu indispensabbli għall-istabbiltà ekonomika kif ukoll għall-kontinwità tal-funzjonament tas-soċjetajiet tagħna u għall-benessri tagħhom. Matul il-pandemija, il-pubbliku Ewropew esprima l-apprezzament tiegħu għall-okkupazzjonijiet essenzjali, speċjalment ix-xogħol fis-settur tal-kura u tal-kura tas-saħħa. Għalhekk, dan huwa mument opportun biex jissaħħa l-istatus tax-xogħol ta' kura, imħallas jew le, li attwalment jitwettaq prinċipalment min-nisa.
- 11) Matul il-fażi inizjali tal-pandemija, il-faċilitajiet tal-kura u l-iskejjel kellhom jagħlu għal perijodi twal ta' żmien, u, b'riżultat ta' dan, fil-biċċa l-kbira kienu l-ġenituri u persuni oħra b'responsabbiltà ta' kura, b'mod partikolari n-nisa, li kellhom jerfgħu r-responsabbiltajiet tal-kura (fosthom ix-xogħol tad-dar) u t-tagħlim tat-tfal fid-dar, u spiċċaw imġiegħla jagħmlu arranġamenti ġodda sabiex jirrikonċiljaw dawn ir-responsabbiltajiet u x-xogħol imħallas. Il-pandemija enfasizzat ukoll il-fatt li x-xogħol ta' kura mhux imħallas għandu valur ekonomiku sinifikanti, iżda wieħed li ma jidhirx, pereżempju, fil-kalkolu tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) minħabba n-nuqqas ta' remunerazzjoni.

FILWAQT LI JIEĦU NOTA TA'

- 12) Ir-rapport tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) bl-isem "Gender inequalities in care and consequences on the labour market" (L-inugwaljanzi bejn il-ġeneri fil-kura u l-konsegwenzi fuq is-suq tax-xogħol), li jippreżenta s-sejbiet dwar ir-rabtiet bejn l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri f'xogħol imħallas u f'xogħol ta' kura mhux imħallas u juri li s-sehem sproporzjonat tan-nisa f'ix-xogħol ta' kura huwa wieħed mill-kawżi primarji tad-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi³.

³ Ara d-dokument 12953/20 ADD 1.

FILWAQT LI JISĦAQ li:

- 13) L-impjieg tan-nisa żdied b'mod kostanti fl-Istati Membri kollha tal-UE matul dawn l-aħħar għexieren ta' snin. Madankollu, meta mqabbla mal-irġiel, in-nisa għadhom jaħdmu aktar ta' spiss f'impjiegi prekarji u informali, u f'impjiegi li joffru sigħat limitati jew aċċess u kopertura insuffiċjenti tas-sistema tas-sigurtà soċjali, kif ukoll f'impjiegi għal żmien qasir, impjiegi part time u impjiegi b'paga baxxi. In-nisa wkoll jissospendu l-impjieg tagħhom aktar ta' spiss mill-irġiel. Dan japplika b'mod partikolari għan-nisa migranti li jesperjenzaw diskriminazzjoni multipla u f'forom intersezzjonali fis-suq tax-xogħol.
- 14) L-inugwaljanzi bejn in-nisa u l-irġiel fil-kuntest tas-suq tax-xogħol jistgħu jitkejlu permezz ta' diversi indikaturi differenti. Id-differenza medja bejn il-ġeneri fil-paga skont is-salarju gross bis-siegħa fl-UE bħalissa hija ta' 14.8 %⁴. B'konsegwenza ta' dan, in-nisa mhux biss għandhom qligħ aktar baxx, iżda jirċievu wkoll pensjonijiet aktar baxxi fl-Istati Membri kollha tal-UE - medja ta' 30 % inqas mill-irġiel (differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet), bid-differenza tvarja ħafna fost l-Istati Membri. Id-differenza bejn il-ġeneri fil-qligħ totali hija ta' kważi 40 %⁵.

⁴ Data tal-Eurostat minn Frar 2020 (https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Gender_pay_gap_statistics).

⁵ Ċifri tal-2018.

- 15) Il-kawżi tad-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi huma diversi u marbuta ma' xulxin. In-nisa mhumieq rappreżentati tajjeb daqs l-irġiel f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet (segregazzjoni vertikali fis-suq tax-xogħol) u huma kkonċentrati f'setturi u okkupazzjonijiet b'pagi baxxi bħax-xogħol ta' kura aktar mill-irġiel (segregazzjoni orizzontali fis-suq tax-xogħol). Il-kawżi jinkludu wkoll il-fatt li n-nisa jaħdmu part time aktar spiss, l-isfidi għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-waqfiet fil-karriera tagħhom għal xi żmien, in-nuqqas ta' trasparenza fil-pagi u fl-istrutturi tal-pagi u d-diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru. Il-kawżi sottostanti determinanti aktar profondi jinkludu n-normi soċjali, l-ostakli strutturali, l-istrutturi ta' poter u l-inċentivi u d-diżinċentivi differenti kif ukoll l-isterjotipi li jaffettwaw l-għażliet vokazzjonali u l-opportunitajiet ta' karriera differenti disponibbli għan-nisa u l-irġiel. Hija meħtieġa aktar riċerka f'dan il-qasam. Is-sitwazzjoni hija marbuta mal-qafas istituzzjonali, politiku u legali li jaffettwa l-għażliet li jagħmlu n-nisa u l-irġiel, fost l-oħrajn fir-rigward tal-oqsma tal-istudju, il-perkorsi tal-karriera, is-siġhat tax-xogħol jew ir-responsabbiltà li jerfgħu għal xogħol ta' kura mingħajr ħlas fl-unità domestika.
- 16) Kawża oħra li ma tingħatax attenzjoni biżżejjed għall-parteciżipazzjoni aktar baxxa tan-nisa fis-suq tax-xogħol kif ukoll għall-qliġ aktar baxx u s-sottorappreżentanza tagħhom f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet meta mqabbla mal-irġiel, hija d-distribuzzjoni inugwali, matul il-ħajja, ta' xogħol ta' kura mingħajr ħlas bejn in-nisa u l-irġiel, inkluż l-indukrar tat-tfal, il-kura tal-adulti u tal-anzjani u x-xogħol tad-dar.

17) Kważi n-nisa kollha fl-UE (92 %) huma persuni li jieħdu ħsieb oħrajn b'mod regolari⁶, u 81 % huma persuni li jindukraw kuljum. Min-naħa l-oħra, 68 % biss tal-irġiel jipprovdu xogħol ta' kura mingħajr ħlas mill-inqas diversi ġranet fil-ġimgħa u 48 % biss jagħmlu dan kuljum. In-nisa impjegati fl-UE jqattgħu medja ta' 3.9 siegħa kuljum fuq xogħol ta' kura indiretta (xogħol tad-dar u qadi marbut mal-unità domestika) u xogħol ta' kura diretta bħal pereżempju jieħdu ħsieb it-tfal jew qraba anzjani u qraba b'diżabilità. B'kuntrast ma' dan, l-irġiel impjegati jqattgħu medja ta' 2.6 sagħtejn biss kuljum fuq xogħol ta' kura bħal dan. Id-differenza hija saħansitra akbar bejn in-nisa u l-irġiel impjegati li qed jgħixu bħala koppja bit-tfal: 5.3 sigħat għan-nisa u 2.4 għall-irġiel⁷. Fl-2019, 32 % tan-nisa impjegati ta' bejn l-20 u l-64 sena ħadmu part time, meta mqabbla ma' biss 10 % tal-irġiel impjegati. 29 % tan-nisa impjegati part time rrappurtaw li għażlu xogħol part time peress li kellhom jieħdu ħsieb tfal jew qraba adulti meta mqabbla ma' biss 6 % tal-irġiel⁸. L-indukrar tat-tfal jew il-kura tal-qraba hija r-raġuni l-aktar imsemmija min-nisa fl-UE għax-xogħol part time.

18) Din l-istatistika tissuġġerixxi li hemm "differenza fil-kura mogħtija" min-nisa u l-irġiel madwar l-UE li hija konsiderevoli⁹. Madankollu, fin-nuqqas ta' indikatur miftiehem fl-UE kollha, u ta' data nazzjonali komprensiva bbażata fuq stħarriġ dwar l-użu tal-ħin, il-kalkoli u t-tqabbil sistematiki tad-distribuzzjoni ta' xogħol ta' kura mingħajr ħlas min-nisa u mill-irġiel fil-livell tal-UE bħalissa mhumiex possibbli.

⁶ Il-persuni li jieħdu ħsieb oħrajn b'mod regolari jipprovdu xogħol ta' kura mingħajr ħlas għal mill-inqas diversi jiemi fil-ġimgħa (Rapport tal-EIGE, paġna 18).

⁷ Sors tad-data: elaborazzjoni tal-EIGE tal-EWCS 2015

⁸ Rapport tal-EIGE, Nota 20 f'qiegħ il-paġna, Eurostat.

⁹ L-istħarriġ dwar l-użu tal-ħin (HETUS) li qed isir bħalissa fi 15-il Stat Membru jikkonferma dan.

- 19) Il-biċċa l-kbira tax-xogħol ta' kura mħallas – kura diretta kif ukoll indiretta – jitwettaq minn nisa, li jikkostitwixxu 76 % tal-forza tax-xogħol tal-kura fl-UE (37 miljun minn 49 miljun impjegat – infermiera, ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa, tal-indukrar tat-tfal u tax-xogħol domestiku u għalliema). Fir-rigward tax-xogħol domestiku (servizzi domestiċi) iċ-ċifri disponibbli ma jurux l-istampa sħiħa, minħabba l-prevalenza ta' impjieg mhux iddikjarat. Xogħol ta' kura mħallas, okkupazzjonijiet ta' kura kif ukoll servizzi domestiċi, tradizzjonalment kienu kkaratterizzati minn apprezzament baxx tas-soċjetà kif ukoll minn pagi baxxi u nuqqas ta' opportunitajiet ta' żvilupp tal-karriera. B'riżultat ta' dan, f'ħafna Stati Membri hemm nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa fl-oqsma tal-edukazzjoni bikrija tat-tfal u s-servizzi tas-saħħa personali. Barra minn hekk, l-impjieg mhux iddikjarat fis-servizzi domestiċi kien tradizzjonalment ikkaratterizzat minn nuqqas ta' aċċess għas-sigurtà soċjali u drittijiet marbuta mal-impjieg.
- 20) L-istatistika turi li aktar ma n-nisa jipprovdu kura mingħajr ħlas, inqas ikunu jistgħu jqattgħu ħin fuq xogħol imħallas; aktar ma l-irġiel jaħdmu bi ħlas, inqas ikunu jistgħu jqattgħu ħin fuq xogħol ta' kura mingħajr ħlas. Id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi u d-differenza bejn il-ġeneri fil-kura għandhom għalhekk jiġu analizzati flimkien, peress li b'mod ġenerali dawn huma fenomeni interdependenti u jsaħħu lil xulxin reċiprokament.
- 21) Differenza iżgħar bejn il-ġeneri fil-pagi fl-Istati Membri kollha tal-UE tista' titqies biss bħala indikatur ċert tal-progress fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri jekk tkun akkumpanjata minn parteċipazzjoni akbar tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi tista' tkun żgħira meta x-xogħol ta' kura mingħajr ħlas isir l-aktar min-nisa. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, differenza żgħira fil-pagi bejn il-ġeneri tirriżulta minn rata baxxa ta' impjieg regolari tan-nisa flimkien ma' effett ta' għażla pożittiva, jiġifieri hemm inqas nisa fl-impjieg, iżda daww impjegati huma mħallsa tajjeb. Għalhekk, id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri hija biss wieħed minn bosta indikaturi importanti tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol – din ma tgħidilna xejn, pereżempju, dwar nisa li mhumiex involuti f'xogħol imħallas.

- 22) Biex jinkisbu kemm paga ugwali kif ukoll ugwaljanza komprensiva fis-suq tax-xogħol, hemm bżonn ta' approċċ fuq żewġ binarji: *l-ewwel nett*, il-kondiviżjoni tax-xogħol imħallas u x-xogħol ta' kura mingħajr ħlas b'mod ekwu bejn in-nisa u l-irġiel (kull tip ta' xogħol ta' kura mingħajr ħlas), u *t-tieni nett*, il-forniment ta' infrastruttura pubblika u servizzi esterni biex ikun jista' jiġi "esternalizzat" ix-xogħol ta' kura diretta (indukrar tat-tfal u l-kura tal-adulti) u x-xogħol ta' kura indiretta (xogħol tad-dar u qadi marbut mal-unità domestika), sabiex in-nisa u l-irġiel tassew ikollhom għażliet u opportunitajiet indaqs li jkunu involuti f'xogħol imħallas.
- 23) Fil-passi meħuda għall-promozzjoni ta' pagi ndaqs u l-kondiviżjoni tax-xogħol ta' kura mħallas u mingħajr ħlas bejn in-nisa u l-irġiel, huwa importanti li jiġu promossi għażliet infurmati, ħielsa minn sterjotipi tal-ġeneri, għan-nisa u l-irġiel meta jieħdu deċiżjonijiet dwar il-perkorsi tal-karriera tagħhom u t-tqassim tax-xogħol ta' kura mingħajr ħlas.
- 24) Dawn il-Konklużjonijiet jibnu fuq ħidma preċedenti u impenji politiċi espressi mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-partijiet ikkonċernati rilevanti f'dan il-qasam.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

JISTIEDEN lill-Istati Membri, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom u b'kont meħud taċ-ċirkostanzi nazzjonali u b'rispett għar-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali, biex:

- 25) Jieħdu passi biex jiżguraw opportunitajiet indaqs għall-iżvilupp personali u professjonali kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel, u biex jinkoraġġixxu u jiffaċilitaw distribuzzjoni ekwa ta' xogħol imħallas u xogħol ta' kura mingħajr ħlas bejniethom.
- 26) Jieħdu passi biex jiffaċilitaw it-teħid ugwali tal-leave tal-ġenituri min-nisa u l-irġiel, f'konformità mad-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata għall-Ġenituri u għall-Persuni li Jindukraw.
- 27) Jissensibilizzaw u jippromwovu fehim aħjar dwar il-ħtieġa ta' distribuzzjoni ugwali bejn in-nisa u l-irġiel ta' xogħol ta' kura mingħajr ħlas, inkluż ix-xogħol tad-dar, sabiex tinkiseb l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.

- 28) Jieħdu passi biex jiżguraw li x-xogħol ta' kura mingħajr ħlas jiġi rikonoxxut u apprezzat, inkluż bit-titjib tal-fehim dwar is-sinifikat u l-impatt soċjali u ekonomiku tiegħu, abbażi ta' data valida.
- 29) Itejbu l-infrastruttura pubblika u d-disponibbiltà ta' servizzi esterni sabiex jappoġġaw lin-nisa u l-irġiel fil-kondiviżjoni ekwa tax-xogħol imħallas u x-xogħol ta' kura mingħajr ħlas.
- 30) Jippromwovu l-esternalizzazzjoni tax-xogħol ta' kura diretta u indiretta mingħajr ħlas, pereżempju, billi jeżaminaw il-possibbiltà, taħt ċerti kondizzjonijiet, li jappoġġaw finanzjarjament lill-ġenituri li jaħdmu, lill-ġenituri waħedhom jew lill-qraba li jindukraw fl-użu ta' servizzi personali u domestiċi, filwaqt li jipprovdu kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u deċenti, pagi ġusti u aċċess għas-sigurtà soċjali għall-ħaddiema kollha f'dan is-settur skont il-mudelli tas-suq tax-xogħol nazzjonali.
- 31) Jistinkaw biex itejbu l-infrastruttura pubblika u s-servizzi esterni li jipprovdu kura diretta sabiex jitfasslu fuq disinn flessibbli b'tali mod li jkunu disponibbli, aċċessibbli u affordabbli għall-unitajiet domestiċi jew il-persuni kollha kemm fiż-żoni rurali kif ukoll f'dawk urbani, inkluż f'termini ta' trasport pubbliku. Jistinkaw ukoll biex itejbu l-kwalità tal-kura billi joffru lill-impjegati kwalifiki u taħriġ u billi jiddeterminaw proporzjon xieraq bejn il-persuni li jagħtu l-kura u dawk li jirċevuha.

- 32) Jippromwovu t-tisħiħ tal-istatus tal-okkupazzjonijiet marbuta mal-kura (indukrar tat-tfal, ta' persuni akbar fl-età, u ta' persuni b'diżabbiltà; servizzi soċjali; kura tas-saħħa; u l-edukazzjoni), u jieħdu passi biex jiżguraw li l-valur tagħhom jiġi rikonoxxut (eż. f'termini ta' kondizzjonijiet tax-xogħol deċenti u remunerazzjoni adegwata), filwaqt li jirrispettaw ir-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali. Jippromwovu s-sensibilizzazzjoni dwar il-kontribut essenzjali li l-okkupazzjonijiet marbuta mal-kura jagħtu lis-soċjetà kollha kemm hi u lill-ekonomija tal-benessri u jhegħgu parteċipazzjoni b'bilanċjata tan-nisa u l-irġiel f'dawn l-okkupazzjonijiet.
- 33) Iżidu l-isforzi biex jindirizzaw ix-xogħol ta' kura indiretta mhux iddikjarat, inkluż ix-xogħol imwettaq minn ħaddiema domestiċi irregolari, u impjiegi illegali oħra fis-settur tal-kura.
- 34) Jagħtu attenzjoni lill-problemi u l-perikli speċifiċi li jiffaċċjaw il-fornituri ta' xogħol domestiku, inkluż il-persuni impjegati permezz ta' aġenziji ta' servizzi kif ukoll l-individwi li jaħdmu f'unitajiet domestiċi privati u ħaddiema mhux iddikjarati. Jagħtu attenzjoni partikolari għall-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien tal-għadd kbir ta' nisa migranti, nisa li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni u ħaddiema mobbli li jaħdmu f'dan is-settur, kif ukoll għall-vulnerabbiltà speċifika tagħhom u d-diffikultajiet li għandhom biex jitolbu d-drittijiet tagħhom.
- 35) Iqisu l-importanza tal-Konvenzjoni Nru 189 tal-ILO għal xogħol deċenti u d-drittijiet tal-ħaddiema domestiċi.

36) Ikomplu jiżviluppaw jew jistabbilixxu qafas, inkluż ftehimiet kollettivi fejn rilevanti, għall-kondiviżjoni ekwa ta' xogħol imħallas u xogħol ta' kura mingħajr ħlas bejn in-nisa u l-irġiel, li jinkludi l-elementi li ġejjin:

- a. faċilitajiet u infrastruttura żviluppati sew, affordabbli, aċċessibbli u ta' kwalità kemm f'żoni urbani kif ukoll f'żoni rurali għall-edukazzjoni bikrija tat-tfal u għall-indukrar tat-tfal u għall-kura tal-adulti għal żmien qasir u fit-tul.
- b. servizzi tat-trasport pubbliku żviluppati sew u affordabbli li jiżguraw l-aċċessibbiltà tal-faċilitajiet tal-kura u – fil-każ ta' xogħol tad-dar – id-domiċilju tal-impjegaturi.
- c. sa fejn introdott mid-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata:
 - i. inċentivi finanzjarji li jrawmu l-kondiviżjoni ekwa ta' xogħol ta' kura mingħajr ħlas, inkluż kumpens mhux trasferibbli matul il-leave tal-ġenituri wara t-twelid jew l-adozzjoni ta' wild;
 - ii. opportunitajiet għall-ħaddiema biex inaqqsu jew jadattaw b'mod temporanju s-sigħat tax-xogħol tagħhom, bil-ħsieb li jirrikonċiljaw ix-xogħol, il-familja u l-ħajja privata; u
 - iii. arranġamenti tax-xogħol flessibbli u raġonevoli għall-ħaddiema, inkluż soluzzjonijiet implimentati permezz tal-użu ta' teknoloġiji ġodda.
- d. tnaqqis tad-diżinċentivi finanzjarji (pereżempju fis-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji) li direttament jew indirettament jinkoraġġixxu u jipperpetwaw il-kondiviżjoni inugwali ta' xogħol ta' kura mingħajr ħlas u xogħol imħallas bejn in-nisa u l-irġiel.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA U LILL-ISTATI MEMBRI, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom, inkluż rigward l-edukazzjoni, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi nazzjonali tal-Istati Membri, u b'rispett għar-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali biex:

37) Ifasslu u jimplimentaw miżuri mmirati biex jiġġieldu l-isterjotipi tal-ġeneru li jirrestrinġu l-għażliet ħielsa tal-bniet u s-subien u tan-nisa u l-irġiel f'dak li jikkonċerna l-istudji u l-karrieri tagħhom. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu dan li ġej:

- a. jiġġieldu kontra l-isterjotipi tal-ġeneru fl-edukazzjoni bikrija tat-tfal, l-edukazzjoni preprimarja, primarja u sekondarja bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-bniet u s-subien ikunu jistgħu jagħżlu liberament l-oqsma ta' studju u l-okkupazzjonijiet futuri tagħhom filwaqt li jiġi rispettat ir-rwol tal-ġenituri fit-trobbija tat-tfal tagħhom.
- b. Fil-kuntest tal-gwida għall-karriera jinfurmaw liż-żgħażaġh u jsaħħu l-għarfien tagħhom tal-aspetti u l-implikazzjonijiet rilevanti kollha marbuta mal-għażliet okkupazzjonali, inkluż il-perspettivi dwar l-introjtu, u fir-rigward tad-differenzi bejn il-ġeneri relatati mal-impjieg tul iċ-ċiklu tal-ħajja, il-kawżi tagħhom u l-modi kif dawn jiġu eliminati; u jipprovdu lill-persuni kollha involuti, b'mod partikolari lill-gwidi għall-karriera, l-għarfien dwar l-isterjotipi tal-ġeneru u l-influwenza tagħhom fuq l-għażla tal-qasam tal-istudju u l-okkupazzjoni.
- c. Iwettqu riċerka interdixxiplinari tan-natura tal-isterjotipi tal-ġeneru u l-impatt tagħhom fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, speċjalment f'termini ta' impjieg, u josservaw l-inklużjoni transsettorjali tas-suġġett.

- 38) Jappoġġaw l-investiment pubbliku fit-tul f'faċilitajiet u f'infrastruttura għal kura ta' kwalità għolja, affordabbli u aċċessibbli, fl-iżvilupp tal-ħiliet tal-kura u fis-servizzi tal-kura.
- 39) Jippromwovu l-ġbir ta' data valida li turi l-użu reali tal-ħin min-nisa u l-irġiel. Iżidu l-isforzi biex jiżguraw li d-data tkun komparabbli fil-livell tal-UE (fil-każ ta' statistika nazzjonali) u tkun koerenti mad-data li tinġabar fil-livell nazzjonali (fil-każ ta' statistika għall-UE kollha). Jippromwovu d-diżaggregazzjoni tad-data skont is-sess u l-età bil-għan li jiżguraw li din id-diżaggregazzjoni tidentifika d-differenzi bejn l-ommijiet u l-missirijiet, kif ukoll bejn in-nisa u l-irġiel mingħajr tfal, u li tinkludi wkoll statistika dwar il-kura kollha li tingħata lit-tfal, lill-adulti u lill-qraba mdaħħla fiż-żmien.
- 40) Iħeġġu l-implimentazzjoni ta' sħarriġ dwar l-użu tal-ħin abbażi tal-istandard stabbilit mill-Istħarriġ Armonizzat Ewropew dwar l-Użu tal-Ħin (HETUS), sabiex jappoġġaw lill-Eurostat fl-iżvilupp u l-kalkolu ta' indikatur biex titkejjel id-"differenza bejn il-ġeneri fil-kura" billi jitqabbel il-ħin li jqattgħu n-nisa u l-irġiel fuq xogħol ta' kura mingħajr ħlas u fuq xogħol imħallas u jiġu analizzati l-interdipendenzi.
- 41) Filwaqt li jagħmlu użu tal-ħidma tal-EIGE u l-Eurostat, jiżviluppaw indikatur għall-UE kollha biex titkejjel id-"differenza bejn il-ġeneri fil-kura" abbażi tal-Istħarriġ Armonizzat Ewropew dwar l-Użu tal-Ħin (HETUS), bl-użu ta' data rappreżentattiva, sabiex jitqabbel il-ħin li jqattgħu n-nisa u l-irġiel fuq xogħol ta' kura mingħajr ħlas u fuq xogħol imħallas, u biex jiġu analizzati l-interdipendenzi, bil-ħsieb li jiġi appoġġat l-iżvilupp ulterjuri ta' politiki dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u dwar il-familja bbażati fuq l-evidenza.
- 42) Iwettqu riċerka, filwaqt li jagħmlu użu tal-ħidma tal-EIGE u tal-Eurofound, dwar il-valur tax-xogħol ta' kura mingħajr ħlas b'rabta max-xogħol imħallas, u jiżviluppaw modi kif jitkejjel b'mod statistiku l-impatt ta' miżuri ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata bħal-leave relatat mal-familja, inkluż permezz tal-monitoraġġ tar-rati tan-nisa u l-irġiel li jagħmlu użu minnu.

- 43) Fejn adatt, jinkludu xogħol ta' kura mingħajr ħlas fl-analiżi makroekonomika u tas-suq tax-xogħol, kif ukoll fit-tfassil tal-politiki dwar ix-xogħol u l-impjiegi.
- 44) Jiżviluppaw indikaturi addizzjonali biex titkejjel il-prestazzjoni makroekonomika, inkluż ix-xogħol ta' kura bil-ħlas u mingħajr ħlas, l-ekonomija tal-kura, u d-differenzi bejn il-ġeneri fl-użu tal-ħin, inkluż klassifikazzjoni ġdida tan-NACE¹⁰ li tiffoka b'mod speċifiku fuq is-servizzi personali u domestiċi (PHS), sabiex jiġu ffaċilitati l-monitoraġġ u l-analiżi ta' dan is-settur.
- 45) Jiżviluppaw metodi xierqa biex tinġabar data komparabbli bħala bażi għal approċċ ta' politika bbażat fuq l-evidenza għall-intersezzjonalitajiet, speċjalment "is-sess u n-nazzjonalità/oriġini" "is-sess u l-età" u "is-sess u d-diżabbiltà".
- 46) Iżidu l-isforzi biex jindirizzaw ix-xogħol mhux iddikjarat fis-settur tas-servizzi domestiċi inkluż billi jżidu d-djalogu mal-UE kollha dwar il-passi li għandhom jittieħdu u permezz tal-iżvilupp ta' statistika dwar l-għadd ta' ħaddiema domestiċi attivi fl-UE, b'kont meħud tal-fatt li dawn is-servizzi spiss jiġu pprovduti mingħajr ma jiġu ddikjarati.
- 47) Jappoġġaw id-djalogu soċjali fis-settur tal-kura, filwaqt li jirrispettaw il-liġi u l-prattika nazzjonali.

¹⁰ NACE = Klassifikazzjoni Statistika tal-Attivitajiet Ekonomiċi fil-Komunità Ewropea; Klassifikazzjoni Industrijali Ġenerali tal-Attivitajiet Ekonomiċi fil-Komunitajiet Ewropej

JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI EWROPEA biex:

- 48) Iżżid l-isforzi biex tnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi u d-differenzi bejn il-ġeneri fil-kura, b'kont debitu meħud taċ-ċirkostanzi nazzjonali u filwaqt li tirrispetta r-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali, bl-użu tal-miżuri kollha disponibbli, u biex issegwi l-miżuri stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE 2017 – 2019 dwar L-indirizzar tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, inkluż, fejn rilevanti, miżuri legali possibbli.
- 49) Twettaq, tippromwovi u tippubbliċizza aktar riċerka dwar l-ekonomija tal-kura, dwar il-ħtiġijiet tal-kura, dwar l-okkupazzjonijiet tal-kura u dwar l-istatus tal-persuni li jipprovdu servizzi ta' kura bil-ħlas u mingħajr ħlas, u dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom, kif ukoll dwar il-kontribut tal-persuni li jipprovdu servizzi ta' kura lill-ekonomija tal-benessri, abbażi ta' data li tkun diżaggregata skont is-sess, disponibbli pubblikament u mmonitorjata regolarment.
- 50) Tikkunsidra s-sitwazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, u ssegwi b'konsistenza approċċ ta' integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-aspetti rilevanti kollha tas-Semestru Ewropew, inkluż sabiex tindirizza id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi u d-differenza bejn il-ġeneri fil-kura.

Filwaqt li jirrispetta b'mod sħiħ l-awtonomija tagħhom, JAPPELLA LILL-PARTIJET SOĊJALI biex:

- 51) Jagħtu l-konsiderazzjoni dovuta lill-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kuntest tan-negozjati kollettivi, inkluż, pereżempju, bl-implimentazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-impatt fir-rigward tal-ġeneru u l-promozzjoni tat-trasparenza tal-pagi, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u deċenti għan-nisa u l-irġiel kollha u jitneħħew id-differenzi persistenti fil-pagi, l-introjtu u l-pensjonijiet, b'kont debitu meħud tal-importanza soċjali u l-valur dejjem akbar tax-xogħol ta' kura.

Dokumenti ta' sfond**1. UE interistituzzjonali**

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/social-summit-european-pillar-social-rights-booklet_mt.pdf

2. Leġislazzjoni tal-UE

Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi. ĠU L 373, 21.12.2004, p. 37–43.

Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid) (*ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23–36*).

Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE (*ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79–93*).

3. Il-Kunsill

Il-Konklużjonijiet kollha tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u suġġetti rilevanti oħra, inkluż speċjalment dawk imsemmija hawn taħt:

- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-Nisa u l-Ekonomija: Ir-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja bħala prekondizzjoni għal parteċipazzjoni indaqs fis-suq tax-xogħol (17816/11)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Nimxu lejn swieq tax-xogħol aktar inklużivi (7017/15)

- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Intejbu l-Ħiliet tan-Nisa u l-Irġiel fis-Suq tax-Xogħol tal-UE (6889/17)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Miżuri msaħħa biex tonqos s-segregazzjoni orizzontali tas-sessi fl-edukazzjoni u l-impjiegi (15468/17)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Tisħiħ tal-Appoġġ u l-Kura Bbażati fil-Komunità għal Għajxien Indipendenti (15563/17)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Innaqqsu d-Differenza bejn il-Pagi tal-Irġiel u n-Nisa: Politiki u Miżuri Ewlenin (10349/19)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar L-Ekonomija tal-Benesseri (13432/19)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Ekonomiji li Jiffavorixxu l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-UE: It-Triq 'il Quddiem: Nieħdu Kont ta' 25 Sena ta' Implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing (14938/19)
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2019 dwar Sistemi ta' Edukazzjoni u Kura Bikrija ta' Kwalità Għolja tat-Tfal (ĠU C 189, 5.6.2019, p. 4–14)

4. It-Triju ta' Presidenzi

Dikjarazzjoni tat-Triju ta' Presidenzi dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri ffirmata mill-Ġermanja, il-Portugall u s-Slovenja (Lulju 2020)

5. Il-Kummissjoni Ewropea

Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2014/124/UE tas-7 ta' Marzu 2014 dwar it-tisħiħ tal-prinċipju ta' pagi ugwali għall-irġiel u n-nisa permezz tat-trasparenza (ĠU L 69, 8.3.2014, p. 112–116)

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' April 2017: "Inizjattiva ta' appoġġ għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u l-persuni li jindukraw li jaħdmu" (COM(2017) 252 final)

Pjan ta' Azzjoni 2017-2019 tal-UE: L-indirizzar tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa (COM (2017) 678 final)

Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/951 tat-22 ta' Ġunju 2018 dwar standards għall-korpi għall-ugwaljanza (ĠU L 167, 4.7.2018, p. 28–35)

"Challenges in long-term care in Europe - A study of national policies 2018" (L-isfidi fil-kura fit-tul fl-Ewropa - Studju tal-politiki nazzjonali, 2018). In-Network Ewropew dwar il-Politika Soċjali.

Rapport dwar l-iżvilupp ta' faċilitajiet ta' indukrar għal tfal żgħar, bl-intenzjoni li tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, jinstab bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għal ġenituri li jaħdmu u biex jinkiseb tkabbir sostenibbli u inklussiv fl-Ewropa ("l-oġettivi ta' Barċellona") (COM(2018) 273 final)

2019 Report on equality between women and men in the European Union (Rapport tal-2019 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea)

https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/aid_development_cooperation_fundamental_rights/annual_report_ge_2019_en_0.pdf

Il-Kummissjoni Ewropea. Kunitat Konsultattiv dwar l-Opportunitajiet ugwali għan-nisa u għall-irġiel - *"Opinion on challenges for gender equality in a rapidly ageing society"* (Opinjoni dwar l-isfidi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'soċjetà li qed tixjieħ malajr), Ottubru 2019.

Linji Gwida Komuni Ewropej dwar it-Tranżizzjoni mill-Kura Istituzzjonali għall-Kura Bbażata fil-Komunità u Sett ta' Għodod dwar l-Użu tal-Fondi tal-Unjoni Ewropea għat-Tranżizzjoni mill-Kura Istituzzjonali għall-Kura Bbażata fil-Komunità.

https://ec.europa.eu/regional_policy/en/policy/themes/social-inclusion/desinitit/

Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025. 6678/20. (Referenza tal-Kummissjoni: COM(2020) 152 final.)

Komunikazzjoni dwar Ewropa Soċjali b'Saħħitha għal Tranżizzjonijiet Ġusti. (COM(2020) 14 final.)

6. Il-Parlament Ewropew

Riżoluzzjoni tat-30 ta' Jannar 2020 dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri (2019/2870(RSP))

Rapport fuq inizzjattiva proprja dwar is-servizzi tal-kura fl-UE għal ugwaljanza bejn is-sessi mtejbja (2018/2077(INI))

7. L-EIGE

"Gender Inequalities in care and consequences on the labour market" (Differenzi bejn il-ġeneri fil-kura u l-konsegwenzi fuq is-suq tax-xogħol), 2020. 12953/20 ADD 1.

8. L-Eurofound

"Striking a balance: Reconciling work and life in the EU" (Nilhqu bilanċ: Ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja privata fl-UE), 2019.

https://www.eurofound.europa.eu/sites/default/files/ef_publication/field_ef_document/ef18065en.pdf

9. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

L-impatt tal-investimenti soċjali fuq l-impjiegi u l-fondi pubbliċi (SOC 496/2013)

<https://www.eesc.europa.eu/mt/our-work/opinions-information-reports/opinions/impact-social-investment-employment-and-public-budgets>

10. Oħrajn

Id-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing (aġenda tan-NU għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa)

Il-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa (CEDAW)

L-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SGD) 5.4 tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli

Il-Konvenzjoni 100 tal-ILO (Remunerazzjoni Ugwali), 1951

Il-Konvenzjoni tal-ILO dwar xogħol deċenti għall-ħaddiema domestiċi tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (Konvenzjoni Nru 189), 2011

Ir-rapport tal-ILO "Care work and care jobs for the future of decent work" (Ix-xogħol tal-kura u l-impjiegi tal-kura għall-futur ta' xogħol deċenti), 2018.

http://ilo.org/global/publications/books/WCMS_633135/lang--en/index.htm
